TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 173/22/F

**John Lewis**

*vs*

**Dino Fino Operations Ltd**

Illum, 30 ta' Ottubru 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar il-21 ta' Novembru 2022;

Ra li minkejja li ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba, l-azjenda intimata ma ppreżentatx risposta;

Ra li fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2023, it-Talba tħalliet għas-sentenza;

Ra r-Rikors tal-azjenda intimata tat-28 ta' Ġunju 2023 fejn talbet li l-prolazzjoni tas-sentenza tiġi sospiża u li tiġi konċessa seduta għas-sottomissjonijiet tal-Partijiet kollha;

Ra d-Digriet tat- 3 ta' Lulju 2023 fejn it-talba ġiet milqugħa u ġiet appuntata seduta waħda bl-iskop li jinstemgħu is-sottomissjonijiet tal-Partijiet;

Sema' x-xhieda ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-Rikorrent qed titlob li tiġi rimborżata s-somma ta' elfejn, mija u ħames Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€2,105.22) rappreżentanti l-valur ta' biċċa għamara *"Eva entrance unit by Aran World"* mixtrija mingħand l-Azjenda intimata.

Illi in suċċint, ir-Rikorrent jilmenta li l-kulur ta' partijiet minn din l-għamara ma jaqbilx ma dak ta' partijiet oħra, li xi ċappetti jew installati mil-maqlub u li hemm spazju eżaġerat bejn żewġ partijiet tal-għamara. Jgħidu li minkejja li għamlu diversi tentattivi ta' kuntatt mal-azjenda intimata, ma tantx ingħataw widen u t-tweġiba li ingħataw kienet li l-għamata saret "*as per design*".

Illi fix-xhieda tiegħu waqt is-seduta tat-3 ta' April 2023, ir-Rikorrent iċċara illi r-rimedju li qed ifittex permezz ta' dawn il-proċeduri huwa li l-kuntratt ta' bejgħ jiġi maħlul u għalhekk li jiġi rifuż lura il-prezz kollu mħallas u l-għamara tittieħed lura.

Illi l-azjenda intimata la ressqet Risposta u lanqas provi iżda saru sottomissjonijiet minn naħa tad-difensur tagħha waqt is-seduta tat-23 ta' Ottubru 2023, fejn ġie spjegat li l-istess azjenda intimata kienet offriet li tirrimedja u fil-fatt għadha disposta li tagħmel l-interventi rimedjali fuq l-għamara.

Illi għalhekk, in sustanza, il-fatti relevanti ma jidhirx li huma wisq kontroversi. Jifdal tiġi trattat ir-rimedju.

Illi mill-fatturi kollha eżaminati mit-Tribunal, partikolarment ix-xhieda tar-Rikorrent kif ukoll l-offerta tal-azjenda intimata li tagħmel xogħlijiet rimedjali li minnha nfisha tfisser indirettament li hemm difetti x'jiġu rimedjati, ma jibqa' l-ebda dubju li l-għamara in kwistjoni hija afflitta minn difetti u allura mhux konformi ma ma dak li raġjonevolment kienu qed jistenna r-Rikorrent bħala Konsumatur meta daħlal fil-ftehim mal-azjenda intimata.

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti*

*miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]";*

Illi minn naħa tagħha, l-azjenda intimata ssostni li hija kienet disposta li tagħmel interventi rimedjali a spejjeż tagħha u li allura, dak li qed toffri hi huwa rimedju aktar idoneju mir-reżoluzzjoni tal-kuntratt. Fuq dan il-punt it-Tribunal josserva li l-azjenda intimata kellha ż-żmien kollu biex tersaq għal soluzzjoni bonarja tal-vertenza iżda dan ma seħħx u għalhekk saru l-proċeduri odjerni. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal jifhem il-pożizzjoni tar-Rikorrent li jinsisti fuq ir-reżoluzzjoni tal-kuntratt. Jirriżulta għalhekk li dak li qed jitolob ir-Rikorrent jinkwadra fil-parametri tad-drittijiet legali tiegħu bħala Konsumatur u fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal sejjer jilqa' t-talba kif-dedotta.

**Deċċiżjoni**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiddikjara li l-għamara in kwistjoni hija afflitti minn difetti ossija nuqqas ta' konformità:**

**i)Jikkundanna lill-azjenda intimata tirrifondi lir-Rikorrenti is-somma ta' elfejn, mija u ħames Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€2,105.22) hekk kif mitlub;**

**ii)Jordna lill-azjenda intimata sabiex ladarba jsir il-ħlas, tneħħi l-għamara in kwistjoni mill-fond tar-Rikorrenti a spejjeż esklussivi tagħha.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu interament a karigu tal-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***